**IL-LITANIJA LAWRETANA**

Mulej, ħniena. *Mulej, ħniena.*

Kristu, ħniena. *Kristu, ħniena.*

Mulej, ħniena. *Mulej, ħniena.*

Kristu, ismagħna. *Kristu, ismagħna.*

Kristu, ilqa' t-talb tagħna. *Kristu, ilqa' t-talb tagħna.*

Missier Etern Alla. *Ħenn għalina.*

Iben Alla li fdejt id-dinja.

Spirtu Qaddis Alla.

Trinità Qaddisa Alla wieħed.

Imqaddsa Marija. *Itlob għalina.*

Imqaddsa Omm Alla.

Imqaddsa xebba tax-xbejbiet.

Omm ta' Kristu.

Omm il-Knisja.

**Omm tal-ħniena.**

Omm tal-grazzja ta' Alla.

**Omm it-tama.**

Omm l-iżjed safja.

Omm l-iżjed nadifa.

Omm u xebba.

Omm bla tebgħa.

Omm li tistħoqq l-imħabba.

Omm tal-għaġeb.

Omm tal-parir it-tajjeb.

Omm ta’ min ħalaqna.

Omm ta’ min salvana.

Xebba kollok għaqal.

Xebba li tistħoqq kull qima.

Xebba li tistħoqq kull foħrija.

Xebba kollok setgħa.

Xebba kollok ħniena.

Xebba dejjem marbuta m’Alla.

Mera tal-qdusija.

Tron tal-għerf.

Bidu tal-ferħ tagħna.

Għamara tal-Ispirtu s-Santu.

Għamara ta’ kull grazzja.

Għamara ta’ kull tjieba.

Warda mistika.

Torri ta’ David.

Torri tal-avorju.

Dar tad-deheb.

Arka tar-Rabta l-ġdida.

Bieb tas-Sema.

Kewkba ta’ filgħodu.

Saħħa tal-morda.

Kenn tal-midinbin.

**Faraġ tal-migranti.**

Faraġ tal-imnikktin.

Għajnuna tal-Insara.

Sultana tal-Anġli.

Sultana tal-Patrijarki.

Sultana tal-Profeti.

Sultana tal-Appostli.

Sultana tal-Martri.

Sultana tal-Konfessuri.

Sultana tal-Verġni.

Sultana tal-Qaddisin kollha.

Sultana mnissla mingħajr l-ewwel tebgħa.

Sultana mtellgħa s-Sema.

Sultana tar-Rużarju Mqaddes.

Sultana tal-Familja.

Sultana tal-Paċi.

Ħaruf ta' Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja: *aħfrilna nitolbuk, Mulej.*

Ħaruf ta' Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja: *ismagħna nitolbuk, Mulej.*

Ħaruf ta' Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja: *ħenn għalina.*

***V/.*** Itlob għalina, Qaddisa Omm Alla.

***R/.*** *Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.*

**Nitolbu**

O Alla, li ridt li mat-tħabbira tal-Anġlu, l-Iben tiegħek isir bniedem fil-ġuf tal-Verġni Mqaddsa Marija, agħtina nitolbuk, lilna li nistqarruha Omm Alla, li nkunu megħjunin mit-talb tagħha. Bl-istess Kristu Sidna. Ammen.